# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 452 (8-80) b'urġenza

Il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Francine Farrugia (attendiet online)

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**Ittri ta' apoloġija**
Is-Sindku preżenta ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Gillian Farrugia Pace.

### 452.1 Is-sitwazzjoni ta' Contracts Manager mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

Is-Sindku spjega il-pożizzjoni tal-Kunsill fi ħdan ir-rwol ta' Contracts Manager. Hu qal li dan l-irwol huwa importanti biex ikun haw persuna issegwi ix-xogħolijiet tal-Kunsill fuq barra, kif ukoll bħala assistenza fid-diversi attivitajiet. Is-Sindku qal li diġà nafu li is-sitwazzjoni tal-ħaddiema ta' fuq barra mhix waħda faċli u din il-problema ilha teżisti minn diversi leġislazzjonijiet u mhux issa. Is-Sindku qal li saru diversi proċessi biex jiġi ingaġġat Contracts Manager mingħajr suċċess, il-Kunsill kellu joħroġ għal sejħa bi Quotes, fejn kien qed jingħata s-servizz tal-individwu GG li dan beda bħala servizz mal-ġbir ta' skart, imħallas mir-Reġjun u wara bħala Contracts Manager fuq id-diversi kuntratti u xogħolijiet u s-servizz kien sodisfaċenti. Is-Sindku qal li jonqos ftit xhur għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u mhux lest li l-Kunsill joqgħod mingħajr is-servizz ta' Contracts Manager. Hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv tgħid il-verżjoni tagħha tal-fatti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li taqbel li l-pożizzjoni ta' Contracts Manager hija rwol importanti. Hija qalet li l-irwol tal-Contracts Manager hija li jaħdem b'koordinament mas-Segretarju Eżekuttiv, kif filfatt speċifikat fis-sejħa għall-quotes relattiva. Hija qalet li mal-individwu GG ma kien hemm l-ebda kuntratt, iżda l-individwu kien qed jagħti servizz taħt quote.

Hija qalet li kif fid-dover li tagħmel, kienet ilha żmien tinforma lis-Sindku b'diversi nuqqasijiet tal-individwu, fosthom, atteġġjament mal-pubbliku, fejn anka kif jaf ġibdu l-attenzjoni diversi persuni lilu dirett, fejn dan diversi drabi, għolla leħnu anka fl-uffiċċju tagħha. Hija qalet li kif jaf is-Sindku, il-komunikazzjoni fic-chats permezz ta' Whatsapp mal-kuntratturi u anka mal-ħaddiema, minn Jannar kienet kważi ineżistenti, ma kien hemm l-ebda follow-up dwar servizzi ta' tindif, u hi m'għad ikollha l-ebda feedback tax-xogħol li jsir mill-ħaddiema ta' barra. Meta hi ġibdet l-attenzjoni tal-ħaddiema qalulha li għandhom 'struzzjonijiet li ma jitfgħu xejn'. Hija qalet, li kif kien anka jikkonferma s-Sindku meta tkellmu dwar in-nuqqasijiet, l-ispezzjonijiet tal-indafa, latrini, ġonna u oħrajn kienet qed tagħmilhom hi, ta' kuljum u mingħajr l-ebda ħlas żejjed, inkluż follow-ups mal-kuntratturi, u s-Sindku kien dejjem jikkonferma u jgħid li anka hu qed jispiċċa jagħmel dan ix-xogħol u li l-CM qisu mill-aħħar tas-sena l-oħra qata' lura ħafna.

Hija qalet li apparti li m'għadiex tkun informata bix-xogħol li qed isir, u dan qed inaqqas mill-effiċjenza u joħloq problemi fl-eżekuzzjoni tax-xogħol amministrattiv, dan l-aħħar ġimgħat qed jiġu residenti jilmentaw fuq blue bays u linji sofor li jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill, u li daw ma jkollhomx l-approvazzjoni neċessarja. Meta tistaqsi min ta l-ordni għal dawn, sabet li l-ordni tkun ħarġet mill-Contracts Manager, li ovvjament m'għandu l-ebda poter jagħmel dan. Hija qalet li fl-uffiċċju diġà haw ħafna xogħol li hi flimkien mal-istaff iridu jlaħħqu miegħu u żgur li daw il-problemi mhumhiex jgħinu. Hi qalet li din is-sitwazzjoni ħolqot ambjent ikraħ u ta' tenzjoni fl-uffiċċju tal-Kunsill, kemm għaliha u anka għall-istaff amministrattiv, u mhix disposta tkompli taħdem ma' din il-persuna.

Apparti hekk, fl-aħħar attivitajiet, dan il-persuna ma tfaċċax, u semmiet l-attivita ta' taħwil, fejn ma kien hemm l-ebda koordinament minn naħa tal-individwu li saħansitra s-Sindku kellu jġorr is-siġar hu u l-ebda involviment fl-attivitajiet l-oħra ta' Jum is-Siġġiewi fosthom is-Serata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar it-Tnejn li għadda, meta bħas-soltu s-Sindku kien qed jikkomunika magħha fuq WhatsApp għal għeluq ta' toroq minħabba konferenza stampa li kellha ssir l-għada it-Tlieta, hija qaltlu biex jikkoordina mal-ħaddiema, fejn is-Sindku tefa fuq ic-chat tal-ħaddiema u ittegja lill-individwu biex jikkoordina. Kien haw li s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku li dan 'm'għadux jeżisti' u jaqbillu jikkoordina mal-ħaddiema dirett. Is-Sindku wieġeb biex 'ngħalqu sa Frar'. Għalhekk, peress li ma kienx qed jingħata s-servizz rikjest u li għalih kien qed isir ħlas ta' €1966 kull xahar, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar it-Tnejn stess bagħtet email lill-individwu, fejn ikkupjat lill-Kunsill kollu, li s-servizz twaqqaf sa Frar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hu l-obbligu tagħha u anka tas-Sindku li jaraw li min jitħallas mill-fondi tal-Kunsill ikun ta xogħolu kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk il-Kunsill irid is-servizz għandha tinħareġ sejħa għal Quotes skond il-proċeduri finanzjarji.

Is-Sindku wieġeb li s-Segretarju Eżekutiiv fehmet ħażin u li hu qatt ma ta struzzjonijiet biex jitwaqqaf is-servizz u li ic-chat WhatsApp mhux mezz uffiċjali. Hu qal li deċiżjoni bħal din għandha tittieħed f'Seduta. Hu qal li mhux ħa jaċċetta li l-aħħar ftit xhur ma jkunx hemm servizz ta' Contracts Manager u qal li lanqas hu dispost li tinbidel il-persuna u jerġa jibda ma' persuna oħra. Hu qal li f'Jannar l-individwu kien xi jiem l-isptar u qal ukoll li lejliet elezzjoni, ma jistax joqogħod jiddependi fuq l-awtorizzazjonijiet.

Il-Kunsillier Julian Borg rrefera għall-email mis-Segretarju Eżekuttiv li hu kien ikkupjat fiha flimkien mal-Kunsilliera kollha, fejn qed tinforma li s-servizz twaqqaf sa Frar. Hu qal li sa fejn jaf hu l-emails mis-Segretarju Eżekuttiv huma uffiċjali u li la ma kien hemm l-ebda irbit ta' kuntratt iżda xiri ta' servizz bi stima, ma jkunx hemm bżonn deċiżjoni f'Seduta, speċjalment jekk kien hemm nuqqas ta' servizz kif spjegat is-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li i-Kunsill kollu kien approva li jkun hemm servizz ta' Contracts Manager u jagħraf li dan huwa servizz essenzjali iżda ma jistax jaċċetta li persuna qed tonqos milli tipprovdi s-servizz, tikser proċeduri jew toħloq problema lill-amministrazzjoni u dan ma jitwaqqafx. Huwa qal li dak li qalet is-Segretarju Eżekuttiv huwa wkoll evidenzjat fil-Minuti tal-aħħar Seduti, fejn saru diversi blue parking bays mingħajr approvazzjoni mill-awtorita', u filfatt residenti stess li kellmuh qalu li jekk ikellmu lill-individwu jaqdihom, minflok ma mmexxuhom lejn il-proċedura kif suppost.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li irrelevanti jekk aħniex lejliet elezzjoni jew le, il-Kunsill obbligat li jimxi mal-proċeduri finanzjarji u s-sejħa għal xiri tas-servizz għandha tinħareġ bi kwotazzjonijiet u nimxu mal-proċedura tal-kwotazzjonijiet.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li filwaqt li jifhem il-bżonn li jkun haw dan is-servizz, hu qal li ma nistgħux ninjoraw problemi f'atteġġjament ta' persuna kif semmiet is-Segretarju Eżekuttiv u dan għandu jiġi kkunsidrat fl-għażla ta' min ser jipprovdi s-servizz.

Għalhekk, il-Kunsill bi qbil ikkonkluda li issir sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Contracts Manager għal tlett xhur. L-istimi riċevuti jitressqu fis-Seduta li jmiss fit-8 t'April 2024.

Il-laqgħa intemmet fis-7.10 pm.

Konfermati, illum 8t'April 2024.

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv